**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 64/18 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

i. Illi l-esponenti iżżewġet lill-intimat nhar l-għaxra (10) ta' Mejju tas-sena Elf Disa' Mija Sebgħa u Disgħin (1997) hekk kif jixhed iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ mal-preżenti anness u mmarkat **Dok A**.

ii. Illi miż-żwieġ tagħhom, il-partijiet kellhom tifla, bl-isem ta' M, illi llum għandha ħmistax (15) -il sena, imwielda nhar is-sitta

(6) ta' Ġunju, tas-sena Elfejn u Tnejn (2002) u dan kif jixhed iċ-Ċertifikati tat-Twelid relattiv, mal-preżenti anness u immarkat **Dok B.**

iii. Illi l-partijiet isseparaw disa' (9) snin ilu, permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella ippubblikat nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Tmienja (2008) hekk kif tixhed il-vera kopja tal-Kuntratt, mal-preżenti annessa u immarkata bħala **Dok Ċ**.

iv. Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt.

v. Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti, la fil-konfront ta' xulxin u la fil-konfront ta' binthom Naomi May.

vi. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex li din il- Qorti m'ghandhiex :

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu li huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet tal-attrici salv li huwa ma ghandux ibaghti l-ispejjez;

Tant l-esponenti ghandu x'jissottometti lil din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Frar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 2008;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.